MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**FRANCO DEPASQUALE**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 558/1973/2

**A.I.C. Joseph Barbara**

**vs**

**Direttur tax-Xogholijiet Pubblici**

**Il-Qorti,**

**I. <u>PRELIMINARI</u>**

1. Fl-4 ta’ Ottubru 1995 l-attur, l-A.I.C. Joseph Barbara (“ir-ritrattant”) intavola rikors li bih talab ir-ritrattazzjoni tas-sentenza ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta u komposta) moghtija fil-5 ta’ Lulju 1995. Din is-sentenza sejra tigi riprodotta testwalment billi *inter alia* tikkontjeni t-

talba ta’ l-attur, l-eccezzjoni tal-konvenut, l-iter konvolut li procediet bih din il-kawza u s’intendi il-konsiderandi u d-dispositiv li bih din il-Qorti kienet iddecidiet il-kawza. L-imsemmija sentenza taqra hekk:-

“Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili deciza fid-29 ta' Ottubru, 1993, li minnha sar dan l-appell li taqra hekk:-

"Rat ic-citazzjoni prezentata fil-11 ta' Lulju, 1973, li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta illi b'ittra tal-konvenut tat-2 ta' April, 1969, l-attur gie nominat 'Consultant' tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fil-progett ta' bini fuq l-art ta' "Busugrilla", limiti Rabat, Malta; illi minhabba l-entita` tal-progett l-attur accetta ghall-progett kollu f'daqqa onorarju inqas minn dak stabbilit fit-tariffa K tal-Kap. 15; illi fid-9 ta' Ottubru, 1971, meta kienet giet biss ezegwita parti mill-progett il-konvenut, minghajr raguni valida fil-ligi, unilateralment ittermina l-inkarigu tal-attur ghad-danni tal-istess attur; illi din it-terminazzjoni ggib bhala konsegwenza illi l-attur mhux aktar marbut bl-onorarju miftehem ghall-progett kollu u ghandu d-dritt jithallas skond it-tariffa 'K' imsemmija bhala kaz ordinarju ta' Perit li jigi abbandunat mill-klijent; illi l-attur jikkalkola ghad baqghalu jiehu cirka sebat elef lira (LM7,000); talab li prevja d-dikjarazjoni lill-konvenut ittermina l-inkariku tal-attur unilateralment u minghajr raguni valida fil-ligi, illi per konsegwenza l-attur mhux marbut kwantu ghal onorarju tieghu bl-ittra tan-nomina tat-28 ta' April, 1969; il-konvenut jigi kundannat ihallsu anke in linea ta' danni bhala bilanc tal-onorarju tieghu rigwardanti l-progett imsemmi s-somma ta' sebat elef lira (LM7000) jew kwanunkwe somma ohra verjuri, ikbar jew izghar, li tirrizulta dovuta, bl-interessi minn notifika tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Lulju, 1972, u bl-ispejjez komprizi dawk tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa illi kwalunkwe ammont pretiz, jekk ikun verament dovut, ghandu jkun ibbazat fuq ir-rata ta' hlas miftiehem skond il-"Letter of Appointment" li bejn il-partijiet ghandha rabta kuntrattwali, safejn ikun applikabbli, illi fil-kaz prezenti l- "Letter of Appointment" accettata mill-attur kienet iffissat rata ta' hlas massimu ta' 6½% ghal diversi kwalita' ta' xoghol specifikat u elenkat fl-istess "Letter of Appointment", kif ukoll il-mod kif il-hlas ta' 6½% kellu jsir waqt il-kors tal-esekuzzjoni tax-xoghol; u illi l-inkarigu tal-attur gie terminat waqt li kien tlesta parti mix-xoghol u huwa hallas lill-attur f'zewg akkonti s-somma komplessiva ta' erbat elef seba' mija u erbghin lira (Lm4,740) dovuta lill-attur u li giet stabbilita bis-6½ ghal xoghol li lahaq lesta, zewg terzi (2/3) ta' 6½% fuq xoghol li l-attur ghamel skond il-paragrafu 2(a) sa (e) tal-Letter of Appointment" u terz (1/3) ta' sitta fil-mija (6½) fuq xoghol preliminari li kien lahaq ghamel u li ghalhekk huwa ma ghandu jaghti xejn lill-attur.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' April, 1974, li permezz tieghu inhatar bhala perit tekniku l-AIC Paul Mercieca, propost mill-partijiet, sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal- eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat is-sentenza taghha tal-24 ta' Lulju, 1978, kif ukoll dik tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-4 ta' Gunju, 1979.

Rat ukoll is-sentenza taghha tat-22 ta' April, 1983, li biha: 1) iddikjarat li l-konvenut ittermina lill-attur unilateralment u minghajr raguni valida fil-ligi l-inkarigu li kien ikkommettielu; 2) li per konsegwenza, l-attur mhux marbut, kwantu ghall-onorarju, bl-ittra tan-nomina tieghu tat-28 ta' April, 1969, hlief sa fejn kien lahaq sar ix-xoghol, sakemm il-kuntratt kien mitmum, u 3) ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur, anke in linea ta' danni, bhala blanc tal- onorarju tieghu, il-kumpens li jirrizulta li huwa ghandu jithallas a bazi tat-Tariffa tal-Periti (It-Tariffa K tat-Tielet Skeda tal- Iskeda A annessa mal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili), li kieku kien imholli jespleta l-inkarigu lilu moghti.

U billi dan il-kumpens ma giex likwidat mill-Perit Tekniku, Paul Mercieca, ghax dan ghamel il-likwidazzjonijiet tieghu fuq bazi ohrajn, li mhux dawk li sabet din il-Qorti, innominatu mill-gdid biex, a spejjez provizorjament tal-attur, jillikwida l-kumpens dovut lill-attur a tenur u fuq il-linja ta' din id-decizjoni u tirrizerva d-decizjoni finali taghha ghal wara li jigi pprezentat ir-rapport tal-Perit.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l- Appell tal-4 ta' Novembru, 1987, li permezz taghha l-Qorti, wara li cahdet l-appell principali bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant kif ukoll l-appell incidentali bl- ispejjez kontra l-attur appellat, ikkonfermat is-sentenza appellata u konsegwentement baghtet l-atti lura lil din il-Qorti ghal kontinwazzjoni skond il-ligi.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' April, 1988, li permezz tieghu irrimettiet l-process lill-AIC Paul Mercieca sabiex jespleta l-inkariku tieghu a termini tas-sentenza fuq citata.

Rat ir-relazzjoni addizzjonali tal-Perit tekniku mahluf fl-udjenza tal-14 ta' Frar, 1989.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut prezentata fl-10 ta' Mejju, 1989, u r- risposta tal-attur prezentata fit-30 ta' Gunju, 1989.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Novembru, 1989, li permezz tieghu ssospendiet l-prolazzjoni tas-sentenza u regghet irrimettiet l-process lill-perit tekniku sabiex jirrelata dwar diversi punti sollevati fin-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat ir-rapport addizzjonali tal-istess AIC Paul Mercieca mahluf fl-udjenza tas-6 ta' Novembru, 1990, u n-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut tat-2 ta' Jannar, 1992.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Jannar, 1993, meta l-kawza giet imhollija ghas- sentenza.

Rat l-atti l-ohra kollha.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Illi b'ittra tat-28 ta' April, 1969, il- konvenut kien hatar lill-attur odjern bhala "Consultant" tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fil-progett ta' bini fuq Art ta' "Busugrilla", limiti tar-Rabat, Malta, biex jirrendi s-servizzi hemm indikati versu l- kumpens stipulat.

Illi fid-9 ta' Ottubru, 1971, meta kien gie esegwit biss parti mill-progett, il-konvenut, minghajr raguni valida fil-ligi, unilateralment ittermina l-inkarigu tal-attur. L-attur ghalhekk qed jitlob li prevja d-dikjarazzjoni li tali terminazzjoni unilaterali u minghajr gusta kawza timporta bhala konsegwenza li l- attur mhux marbut aktar mat-termini tal-istess 'Letter of Appointment', hu ghandu jithallas kull somma ohra bilancjali li tirrizulta in sodisfazzjon tal-onorarju tieghu.

Illi l-konvenut eccepixxa li kull hlas dovut lill-attur ghandu jkun bazat fuq l-'Letter of Appointment' li ghandha forza ta' kuntratt bejn il-kontendenti u li kull ammont dovut lilu bhala onorarju a termini tal-istess 'Letter of Appointment' thallas u konsegwentement ma hu dovut ebda ammont iehor.

Illi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' April, 1983, konfermata fis-Sede ta' l-Appell b'sentenza tal-4 ta' Novembru, 1987, gie definittivament stabbilit illi:-

a. l-konvenut ittermina lill-attur unilateralment u minghajr gusta kawza l-inkarigu li kien ikkommettielu;

b. per konsegwenza l-attur mhux marbut, kwantu ghall-onorarju, bl-ittra tan-nomina tieghu tat-28 ta' April, 1969, hlief sa fejn kien lahaq sar ix-xoghol, sakemm il-kuntratt kien mitmum;

Ghalhekk il-Qorti ikkundannat lill-konvenut jhallas lill-attur, anke in linea ta' danni, bhala bilanc tal-onorarju tieghu, il-kumpens li huwa ghandu jithallas a bazi tat-tariffa tal-Periti

(It-Tariffa K tat-Tielet Skeda tal-Iskeda A, annessa mal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili) li kieku kien imholli jespleta l-inkarigu lilu moghti. Ghal dan il-ghan innominat lill-AIC Paul Mercieca sabiex jillikwida l-kumpens dovut lill-attur fuq il-bazi stabiliti fid- decizjoni.

Illi l-Perit Tekniku l-AIC Paul Mercieca wara li ezamina l-provi gia prodotti u wara li ha in konsiderazzjoni d-direttivi ta' din il-Qorti fis-sentenza citata u l-fatt li kellhom jigu eskluzi certa items mis-servizzi rezi mill-attur, wasal ghal konkluzzjoni, (kif jidher a fol 284 tal-process) illi l-onorarju kollu dovut lill-attur kien jammonta ghas- somma ta' LM10,405.89, u ghalhekk wara li tnaqqset is-somma ta' LM4800, gia imhallsa lill-attur, kien jifdal bilanc dovut lill-attur ammontanti ghal hamest elef sitt mija u hames liri disa u tmenin centezmu (LM5605.89).

Illi b'digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Novembru, 1989, il-Perit Tekniku gie mitlub jikkonsidra xi punti li gew sollevati fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut u jghid jekk, fic-cirkostanzi, jikkonferma l-konkluzjonijet tieghu skond ir-rapport fuq imsemmi.

Illi l-istess perit tekniku, wara li ha in konsiderazzjoni l-punti sollevati mill- konvenut, ikkonferma r-rapport addizzjonali tieghu u kkonferma li ma kellu xejn xi jrid ivarja.

Illi l-Qorti, wara li rat ir-rapporti tal- istess Perit Tekniku u n-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti, taqbel pjenament mal-konkluzjonijet tal-gharef perit tekniku u filwaqt li taghmilhom taghha tiddikjara li l-ammont bilancjali dovut lill-attur ghas-servizzi rezi minnu u a termini tas-sentenza tat-22 ta' April, 1983, jammonta ghas-somma ta' LM5605.89.

Ikkunsidrat:

Illi kull ma jifdal hija l-kwistjoni tal-imghaxijiet mitluba mill-attur.

Fic-citazzjoni l-attur talab li jigi akkordat imghaxijiet, fuq il-bilanc dovut, minn notifika tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Lulju, 1972. Din il-kwistjoni kienet baqghet sospiza billi ma gietx deciza bis-sentenza tat-22 ta' April, 1983, u l-Qorti f'dik l-istess sentenza, wara li rrimettiet l-process lill-Perit Tekniku l-AIC Paul Mercieca, ordnatlu li jiehu in konsiderazzjoni z-zewg noti li gewipprezentati mill-kontendenti fil-komputazzjoni li ghandha ssir dwar l-interessi li ghandhom jithallsu lill-attur u jaghmel ukoll l-osservazzjonijiet li jidhrilu opportuni dwar dawn l-interessi.

L-artikolu 1125 jippreskrivi li kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun kkuntratta, hu obbligat ghad-danni. F'kaz li l-oggett ta' dik l-obbligazzjoni jkun il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien tal-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena (Art.1139), liema imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dikinhar li ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, (Art. 1141 (2)).

Illi l-attur naqas li jipprezenta kopja tal-ittra ufficjali msemmija fil-korp tac-citazzjoni u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiddetermina kemm-il darba f'din l-ittra kienetx intalbet somma fissa jew somma li kellha tigi likwidata. Illi b'dana kollu l- perit tekniku, fir-rapport addizzjonali tieghu tal-14 ta' Frar, 1989, (fol 277 et seq. tal-process), wara li irrifera ghat-tlett ammonti msemmija mill-attur fin-nota tal-osservazzjonijiet, ikkonkluda li dawn kienu ipotetici, hlief ghas-somma ta' LM6748.65,5 li kienet is-somma likwidata mill-istess perit fl-ewwel rapport tieghu.

Illi kif inhi mpostata c-citazzjoni jidher li ghalkemm l-attur talab bhala hlas is-somma ta' LM7000, din kienet biss kalkolu u zgur li ma kienx hemm certezza dwar l-ammont li kien jispetta lilu. Ghal kuntrarju, jidher li kien hemm dubju serju dwar jekk dak allegat mill-attur u cioe` li kien hemm somma ulterjuri dovuta billi l-konvenut kiser unilateralment il-kuntratt. Infatti t-tezi attrici kienet kontestata bil-qawwa kollha mill- istess konvenut li ppretenda li l-attur ma kellu jiehu xejn izjed oltre dak li kien diga thallas. Id-dewmien gustifikat sabiex din il-Qorti,

kif ukoll l-Onorabbli Qorti ta' l- Appell waslet ghad-decizjoni taghha bi pronunzjament ta' tlett sentenzi tal-Prim'Istanza u tnejn tal-Qorti ta' l-Appell, ikompli juri li l-kwistjoni ma kienetx ta' facili spedizzjoni.

Illi minn dan isegwi li l-argument tal-attur u cioe` li mhux applikabbli l-massima "in illiquidis non fit mora" ma tkoprix il-kaz ta' debiti ta' facili likwidazzjoni, ma jreggix, billi la ma kien cert il-kreditu u lanqas ma kien cert l-ammont formanti parti dak il-kreditu hlief mid-data ta' din l- istess sentenza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u konsegwentement tillikwida l-ammont bilancjali dovut lill-attur ghal prestazzjonijiet minnu moghtija lill-konvenut fis-somma ta' hamest elef sitt mija u hames liri Maltin disa' u tmenin centezmu (LM5605.89), u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat, bl-imghax legali millum.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut".

Rat in-Nota ta' l-Appell tal-attur ipprezentata fit-8 ta' Novembru, 1993, li minnha interpona appell mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti, u dan peress li hassu aggravat biha, inkwantu illikwidat l-ammont bilancjali fis-somma biss ta' hamest elef sitt mija u hames liri Maltin disgha u tmenin centezmu  (Lm5605.89) u inkwantu cahdet it-talba ghall-imghax legali min-1972.

Rat il-Petizzjoni ta' l-Appell tal-istess Perit u Arkitett u Inginier Civili Joseph Barbara, ipprezentata fit-23 ta' Novembru, 1993, li biha talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis- sens li fl-ewwel lok tillikwida l-ammont bilancjali dovut lilu fis-somma totali ta' disat elef hames mija u disgha u ghoxrin liri Maltin, tmienja u sittin centezmu u disgha millezmi (Lm9529.689) minflok hamest elef sitt mija u hames liri Maltin disgha u tmenin centezmu (Lm5605.89), b'zieda ta' tlett elef disgha mija tlieta u ghoxrin liri Maltin, disgha u sebghin centezmu u disa' millezmi (LM3923.799), kif ukoll id-danni

konsistenti f'dak l-ammont li jirrifletti d-diprezzament tal-munita fuq dawn l-ahhar tnejn u ghoxrin sena, u fit-tieni lok, tirrevokaha fejn cahdet it- talba ghall-imghax legali mill-1972 sa' dakinhar tas- sentenza, cioe` 29 ta' Ottubru, 1993, u tilqa' t-talba ghall-hlas ta' dak l-imghax mit-12 ta' Lulju, 1972, u tikkonfermaha ghall-kumplament kollu taghha - bl- ispejjez kontra l-konvenut appellat. Rat ir-risposta ta' l-Appell tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici pprezentata fis-6 ta' Dicembru, 1993, in risposta ghall-appell tal-attur, li permezz taghha filwaqt illi ssottometta illi l-appell tal-attur ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-istess appellant, iddikjara illi kien qed jaghmel uzu mill-appell principali biex jinterponi appell incidentali li per-mezz tieghu talab illi din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tichad it- talbiet tal-attur ghall-pagament ulterjuri minghand il- konvenut, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l- attur appellant. Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza r-replika tal- attur ghall-appell incidentali tal-konvenut u inkluzi wkoll in-Noti ta' Sottomissjonijiet li gew prezentati fil-mori ta' dan l-Appell. Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:-

Din il-Qorti se tibda l-ewwel bl-appell incidentali peress illi jekk dan jirrizulta fondat, awtomatikalment jinnewtralizza kull talba ghall-hlas ulterjuri maghmula mill-appellant kif intavolata fil-petizzjoni ta' l- appell tieghu.

Id-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici, in via ta' appell incidentali, jissottometti li l-likwidazzjoni tal-ammont dovut mill-attur li ghamel il-Perit Tekniku, u li giet addottata mill-ewwel Onorabbli Qorti ma segwietx fedelment dak li kienet iddecidiet din il-Qorti bis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru, 1987, fis-sens li "huwa evidenti li ghax-xoghol li lahaq ghamel l-attur ghandu jithallas skond il-ftehim". Id-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici jissottometti li l-Perit Tekniku minn fuq, applika r-rati tal-ftehim biss ghall-valur tal-bini li kien tlesta kollu meta gie terminat il-ftehim u mhux kif qalet is-sentenza "ghax-xoghol li lahaq ghamel l-attur" qabel ma gie terminat l-inkarigu tieghu. Id-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici inter alia jissottometti, per

ezempju, illi l-attur appellant kwantu jirrigwarda il-"Bills of Quantities" ghandu jithallas bit-2% tal-"estimated cost of works" skond il-paragrafu 11(a) a fol 7 tal-process. Inoltre d-Direttur tax- Xogholijiet Pubblici jissottometti li biex wiehed jistabilixxi x'inhu dovut lill-attur skond it-Tariffa K u skond is-sentenza ta' din il-Qorti precedenti, wiehed l-ewwel irid jara x'inhu x-xoghol li lahaq lesta l-attur qabel it-terminazzjoni tal-inkarigu u jhallsu skond l-ittra tal-hatra u wara jmur fuq it-Tariffa K biex jistabilixxi x'inhu dovut ghall-fatt tal-abbandun. Skond l-istess Direttur ghalhekk, l-istess Tariffa K ghandha ssir riferenza ghaliha biss fejn din tikkontempla s-sitwazzjoni tal-abbandun, u cioe` l-artiklu 11. L-istess Direttur imbaghad jaghmel kalkoli li jwassluh biex jikkonkludi illi l-appellant mhux biss ma kellux dritt ghal dak illi llikwidat favur tieghu l-ewwel Qorti, izda li effettivament mill-atti ghandu jirrizulta li meta huwa kien lahaq thallas xi akkonti mid-Dipartiment, kien thallas in eccess ta' dak li verament kien haqqu u li ghalhekk huwa l-kaz li l-attur ghandu jirrifondi lill-konvenut u mhux kif gie deciz mill-ewwel Qorti. Ghal mument din il-Qorti sejra tissofferma ruhha fuq dan l-aggravju 'l ghaliex huwa wiehed abbastanza semplici.

Jidher illi d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici ma kkomprendiex bizzejjed l-import tas-sentenza ta' din il-Qorti li ghaliha diga saret referenza u li kienet stabbiliet id-drittijiet reciproci tal-partijiet f'din il-kawza u senjatament, aktar milli haga ohra, in-nuqqasijiet tal-istess Direttur, u l-mod kif kellhom jigu likwidati d-drittijiet tal-attur. Senjatament issir riferenza, l-ewwel u qabel kollox, ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' April, 1983, li essenzjalment giet ikkonfermata fl-Appell bis-sentenza l-ohra imsemmija, li fiha "inter alia" gie ddikjarat, l-ewwel li l-konvenut ittermina lill-attur unilateralment u minghajr raguni valida fil-ligi l- inkarigu li kien ikkommettielu, u fit-tieni lok, li per konsegwenza, l-attur mhux marbut kwantu ghall-onorarju bl-ittra tan-nomina tieghu tat-28 ta' April, 1969, hlief sa fejn kien lahaq sar ix-xoghol, sakemm il-kuntratt gie mitmum. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, m'ghandux ihalli dubbju f'mohh hadd illi m'huwiex il-kaz li tigi akkolta s-sottomissjoni tad-Direttur tax- Xogholijiet Pubblici li ghandha ssir distinzjoni bejn dak

li lahaq ghamel bhala xoghol, cioe` bhala prestazzjonijiet professjonali l-attur, u x-xoghol li lahaq sar. Il-portata tas-sentenza msemmija ma thallix dubju li l-linja li kkorporriet l-ewwel Onorabbli Qorti meta ddecidiet is-sentenza, issa meritu ta' dan l-Appell, kienet skond il-parametri w d-Direzzjoni moghtija minn din il-Qorti meta kkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla li ssemmiet. Din il-Qorti ghamlet ezami tal-atti processwali rilevanti, partikolarment tar-rapport originali u kif ukoll dak addizzjonali tal-Perit Mercieca, il-kalkolazzjonijiet li ghamel u li gew abbraccjati mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha, u tara li ma tistax certament taqbel mas-sottomissjoni tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici li l-kalkoli li kellhom isiru huma dawk li qed jissottometti huwa fir-Risposta ta' l-Appell tieghu u mhux dawk li gew abbraccjati mill-ewwel Qorti - dan s'intenti s'issa qed jinghad bla pregudizzju tal-mertu ta' l-appell principali. Fl-ahharnett qabel taghlaq fuq dan il-kapitolu, din il-Qorti tirrileva wkoll li effettivament biex dan l-ewwel aggravju tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici seta' jigi akkolt, kien jimporta li din il-Qorti tmur lura fuq id-decizjoni taghha precedenti li ghaliha diga saret referenza, u li biha pero` id-drittijiet reciproci tal- partijiet diga' jikkostitwixxu "res judicata" bejniethom u ma jistghux jintmissu. Din il-Qorti kienet ghamlitha cara kif ghandu jigi regolat il-hlas ghad-drittijiet professjonali tal-attur, kemm ghal dak li jirrigwarda x-xoghol li lahaq sar qabel ma gie terminat il-kuntratt lilu, kif ukoll ghal xoghol rimanenti, u minn din il-posizzjoni la din il-Qorti u lanqas il- partijiet ma jistghu jiccaqalqu. Id-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici issottometta, in linea subordinata, illi l-likwidazzjoni finali tal-ammont dovut lill-attur maghmula mill-Perit Tekniku u akkolta mill-ewwel Qorti, lanqas ma saret b'mod li tirrispekkja fedelment dak li tistipula t-Tariffa K tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, anke kieku wiehed kellu jammetti li l-principji li mexa fuqhom il- Perit kienu korretti. Skond id-Direttur, l-istess likwidazzjoni (fol 277) l-ammont dovut lill-attur gie likwidat skond l-artikolu 11 (1)(b) tat-Tariffa nonostante li l-attur ma kienx ghamel ix-xoghol kollu rikjest biex ikun jista' jigi applikat dak il-paragrafu. Senjatament, skond id-Direttur, l-attur ma kienx issottometta l-applikazzjonijiet ghall-permessi tal-

bini u ghalhekk certament ma jistax jithallas talli ghamel tali applikazzjoni.

Dan l-aggravju din il-Qorti tikkonsidrah wiehed marginali, inkwantu gie trattat globalment fil-Prim'Istanza meta kienet qed tigi kkonsidrata l-kwistjoni tal-hekk imsejjha "specifications" u din il-Qorti tara illi l-fatt li qed jigi issa sollevat dan l-argument addizzjonali in linea sussidjarja u meta hu ovvju x'kien it-tip u l-entita' tax-xoghol li lahaq ghamel l-attur qabel ma l-inkarigu tieghu gie terminat illegalment mill- konvenut, din il-kwistjoni mhux il-kaz li tqum ghaliex - apparti kwistjoni ta' fatt u prova relattiva li hija mankanti - dak li qed jissottometti d-Direttur huwa biss parti mit-totalita' tax-xoghol li effettivament pero` jidher li gie esegwit mill-attur. Ghalhekk anke dan it-tieni gravant tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici mhux sostnut fil-fehma ta' din il-Qorti.

L-appell incidentali ghalhekk, qed jigi respint kif ser jinghad, bl-ispejjez relattivi a karigu tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici. Ikkunsidrat fuq l-appell principali, cioe` dak tal-attur.

L-appell tal-attur jista' jinqasam essenzjalment fi tlett partijiet u din il-Qorti se tehodhom wahda wahda. Fl-ewwel lok il-Perit Barbara, appellant, jissottometti li s-somma li kellha tigi likwidata mill-ewwel Qorti kellha tkun ta' disat elef hames mija disgha u ghoxrin liri Maltin tmienja u sittin centezmu u disa' millezmi (LM9529.689) u mhux dik likwidata bis-sentenza appellata. In sostenn ta' dan l-ewwel aggravju tieghu, huwa jissottometti li l-ewwel Qorti rat is-sentenza taghha stess tat-22 ta' April, 1983, konfermata sussegwentement minn din il-Qorti fl-4 ta' Novembru, 1987, u li kienet ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur <u>anke in linea ta' dannu</u>, bhala bilanc tal-onorarju tieghu il-kumpens li jirrizulta dovut a bazi tat-tariffa tal-Perit, <u>li kieku kien imholli jespleta l-inkarigu lilu moghti</u>. Dan ifisser, skond l-appellant, li huwa, skond dik is-sentenza, kellu jithallas tad-dritt tieghu "in toto" bhalikieku baqa' l-Perit inkarigat sa' l-ahhar tal-progett u mhux zewg terzi ta' dak il-kumpens li jithallas meta l-klijent jittermina l-inkarigu lill-Perit.

L-appellant jissottometti li invece bis-sentenza appellat, l-Ewwel Onorabbli Qorti, f'zewg partiti akkordatlu biss iz-zewg terzi ta' dak il-kumpens, u naqqsitlu erba' mitt lira Maltin (LM400) kontra t-termini espressi tal-imsemmija decizjoni tan-1983, li kienet ghaddiet in gudikat sa' mill-1987, u li kienet torbot kemm lill-partijiet u kemm lill-Qorti. Ghalhekk huwa jissottometti li dan l-ewwel gravant ghandu jigi akkolt. F'iktar dettall huwa jissottometti li skond il- paragrafu 14 tat-Tariffa huwa kellu jithallas somma ta' disa' mija tnejn u ghoxrin liri Maltin wiehed u erbghin centezmi u tlett millezmi (LM922.413) imbaghad kellu jithallas 6% fuq is-somom ta' mija u hdax-il elf hames mija u hmistax liri Maltin, dsatax il-centezmu u millezmu (LM111515.191) u fuq erbgha u sittin elf sitt mija erbgha u ghoxrin liri Maltin, tmenin centezmu u sitt millezmi (LM64624.806), piu' xi spejjez ammontanti ghal wiehed u hamsin liri Maltin (LM51.000) li jgibu b'kollox erbatax-il elf tlett mija disgha u ghoxrin liri Maltin, tmienja u sittin centezmu u disa' millezmi (LM14329.689), li minnhom jitnaqqas dak li thallas akkont cioe` erbat elef u tmien mitt liri Maltin (LM4800.000) u ghalhekk jibqa bilanc dovut ta' disat elef hames mija disgha u ghoxrin liri Maltin, tmienja u sittin centezmu u disa' millezmi (LM9529.689). Din il-Qorti, minn ezami tal-komputazzjonijiet illi saru mill-Perit Tekniku kif addottati sussegwentement mill-ewwel Qorti ma taqbel xejn illi l- likwidazzjonijiet li saru fir-rigward u li jsemmi l- istess appellant ma sarux skond kif kienet iddecidiet din il-Qorti - u del resto anke l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili - mis-sentenzi precedenti msemmija. Effettivament l-appellant mhux qed jirrealizza illi b'dak li qed jissottometti llum qieghed jaqa' f'kontra-dizzjoni, fis-sens illi, filwaqt li qed jippretendi li dawn is-sentenza msemmija llum ghaddew in gudikat, dak li qieghed jissottometti huwa hija interpretazzjoni diversa minn dak li effettivament gie deciz u applikat korrettement mill-Perit Tekniku u ukoll mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti tara wkoll li hu l-kaz li tirrileva dak li gie rilevat mid-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici fir-risposta tieghu ghall-appell tal-attur li f'diversi okkazzjonijiet fil-Prim'Istanza, il-posizzjoni li ha l-istess attur mhix koNfacenti ma dak li qed jissottometti issa, u dan ukoll huwa ta' importanza.

Essenzjalment ghalhekk din il-Qorti, wara li ezaminat il-mod kif saru l-kalkolazzjonijiet, mhix qed taqbel mas-sottomissjoni tal-appellant, cioe` ma' dan l-ewwel gravant tieghu u qed tichad l-istess gravant.

It-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda t-telf fil- valur tal-munita  mill-1971 sa' llum u jissottometti illi una volta huwa stabbilit illi huwa kellu dritt li jigi kompensat ghat-telf kagunat lilu bhala rizultat tal-agir abbuziv tal-konvenut, huwa m'ghandux isofri intortament billi huwa ovvju li li kieku thallas l-ammont dovut meta kien dovut lilu, cioe` fl-1971, jew meta giet istitwita l-kawza, l-istess valur ta' flus kien ikun differenti minn dak li ser jippercepixxi llum, ghoxrin sena skorruti wara, meta l-istess somma ghandha valur inqas milli  kien dakinhar.

Fuq dan il-punt saru sottomissjonijiet fit-tul u l-partijiet, cioe` difensuri abbli taghhom, dahlu fil- fond fil-kwistjoni u n-Noti ta' Osservazzjonijiet li gew prezentati fil-mori ta' dan l-appell essenzjalment jikkoncentraw fuq dan il-punt u fuq il-kwistjoni l-ohra li se tissemma' aktar tard, aktar milli fuq haga ohra.  Senjatament jigi rilevat li saret anke referenza ghal xi sentenzi ta' dawn il-Qrati, fosthom tnejn tal- Prim'Awla tal-Qorti Civili u cioe` "Meli vs. Taddeo" tal-21 ta' Novembru, 1994, u "Desira vs. Cassar" tat-13 ta' Jannar, 1995, kif ukoll sentenza ohra "Meilaq vs. Camilleri" tal-istess Prim'Awla datata 6 ta' Gunju, 1991.

Din il-Qorti jidhrilha li dan il-kaz partikolari aktar milli huwa kaz ordinarju ta' reklam u risarciment ta' danni  akkwiljari huwa kaz ad hoc regolat b'mod specjali mill-Ligi kif din il-Qorti diga' kellha opportunita' tesprimi ruhha fuqu fis-sentenza taghha li diga ssemmiet u li kienet biha kkonfermat is-sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla.   Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwistjoni kollha f'kaz bhal dan, tirrisolvi ruhha mhux fi kwistjoni ta' "lucrum cessans" fil-konnotazzjoni proprja ta' dan it-terminu u ta' dan il-kuncett, imma in ultima analisi, fuq kalkolu matematiku li l-modalita' tieghu hija pre-stabbilita bil-ligi u li tiddependi mhux fuq kalkoli ta' telf fil-valur tal-munita u konsiderazzjonijiet ohra bhal ma jsir f'kazijiet normali ta' "lucrum cessans" imma fuq il-valur tax-xoghol, dejjem

skond it-Tariffa li tirregola l- materja. Jigifieri din il-Qorti ma tistax thares lejn dan il-kaz bhala kaz ordinarju ta' likwidazzjoni u risarciment ta' danni akkwiljani konsistenti f'"damnum emergens" u "lucrum cessans". Ma' dan jista' jizdied pero` punt iehor li ghal din il-Qorti huwa punt kardinali, u cioe` li bhala Qorti hija wkoll marbuta mat- termini tac-citazzjoni kif intavolata mill-attur. Dana qed jinghad ghaliex l-attur m'ghamilx kawza ta' danni imma ghamel kawza li fiha talab espressament illi l-ewwel jigi dikjarat li l-konvenut itterminalu l-inkarigu tieghu minghajr raguni valida, u li per konsegwenza huwa, cioe` l-attur, mhux marbut kwantu ghall-onorarju tieghu bl'ittra tan-nomina tat-28 ta' April, tal-1969 imma li ghandu d-dritt li jithallas bilanc tal-onorarju tieghu li jirrigwarda l-progett imsemmi. Anke jekk effettivament l-istess attur uza l-kliem "anke in linea ta' danni", fl-istess hin pero` huwa specifika dak li kien qieghed jitlob bhala differenza fit-tariffa tad-drittijiet professjonali tieghu u xejn aktar. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax li tista testendi ghal dan il-kaz ukoll principji li certament m'humiex applikabbli ghalih, ghaliex kif inghad hawnhekk hawn parametri precizi stabbiliti mill-Ligi li din il-Qorti trid necessarjament izzomm fihom u maghhom. Baqa' l-ahhar aggravju tal-appellant u li jirrigwarda l-interessi. Huwa jissottometti li fil-kaz tieghu ma kellux japplika l-principju "in illiquidis non fit mora" izda kellu jopera l-principju l-iehor li min isofri dannu bl-agir ta' haddiehor ghandu dritt li jigi reintegrat fil-posizzjoni li kien ikun fiha kieku l-att illegali ma sarx. Huwa jissottometti wkoll in oltre illi l-konvenut issoleva diversi eccezzjonijiet kapriccuzi u talvolta vessatorji li gew respinti mill-Qrati u ghalhekk m'ghandux japplika l-principju imsemmi tal-illikwidita', izda ghandu jopera l-principju l- iehor li min isofri dannu tal-agir ingustifikabbli ta' haddiehor ghandu d-dritt li jigi reintegrat fil-posizzjoni li kien jirraggungi kieku l-att ingustifikat ma sarx. In sostenn ta' dan l-aggravju huwa jissottometti inoltre, illi fil-kaz prezenti, anqas ma jista' jinghad li l-kumpens dovut lilu kien illikwidu b'mod assolut, bhal per ezempju, fil-kaz li l-likwidazzjoni tad-debitu tal-ammont dovut ma tistax issir hlief bil-kooperazzjoni determinanti tal-kreditur. L-appellant jissottometti li meta l-Gvern ingustament ittermina l-inkarigu lilu, seta' kieku ried hallsu l-kumpens

lilu dovut fi zmien qasir hafna. Il-Gvern kien jaf il-figura ta' kemm kien se jigi jiswielu l-progett in kwistjoni, kellu ghad-disposizzjoni tieghu t-teknici kollha mpjegati fid-Dipartiment u kuntegg ta' sitta fil-mija fuq dik il-figura seta' jaghmilha minnufih. Minflok ma l-Gvern ghamel dan, gieghel lill-esponent jaghmel kawza, issolleva eccezzjonijiet li gew respinti u ippriva lill-attur mill-uzu tal-kumpens lilu dovut ghal aktar minn 20 sena. Sadattant il-flus baqghu f'idejn il-Gvern li bhala premju tal-agir tieghu illegali kellu l-facilita' li jinvestihom kif irid u jaqla fuqhom percentwali oghla minn dik stabbilita mill-Ligi ghall-interessi, u dan ghad-detriment serju tal-attur. Inoltre, anke meta gie deciz dak li kien car mill-bidu, u cioe` li l-"Letter of Appointment" ma kienetx aktar valida ghall-fini tal-kumpens, xorta wahda l-konvenut zamm il-flus f'idejh u ma hallas xejn lill-attur. Almenu f'dak il-mument, kieku ried jimxi gustament, seta' hallas dak kollu li hu kien jaqbel fuqu a bazi ta' dik is-sentenza. Fl-ahhar nett l-appellant jissottometti wkoll illi l-ewwel Qorti qalet li ma kellhiex fil-process kopja tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Lulju, 1972, u ma kienetx taf intalbitx fiha somma specifika. L-ewwel Qorti, skond l-appellant, ma ndunatx li kopja informi kienet esebita a fol 179 tal-process, izda b'dana kollu huwa esebixxa mal-Petizzjoni kopja legali ta' dik l-ittra ufficjali notifikata lill-konvenut fit-12 ta' Lulju, 1972, li biha intalbet is-somma ta' sebat elef sitt mija wiehed u tletin liri Maltin erba' u tmenin centezmu u zewg millezmi (LM7631.842) cioe` aktar mis-somma akkordata mill-Qorti.

Din il-Qorti jidhrilha li hemm zewg fatturi determinanti li jikkonfortaw it-tezi tal-appellant kwantu jirrigwarda dan l-aggravju. Fl-ewwel lok, minghajr il-htiega li din il-Qorti toqghod taghmel riferenza ghal gurisprudenza precedenti, jigi osservat li verament fil-process a fol. 179 kien hemm kopja informi tal-ittra ufficjali li saret referenza ghaliha, u din il-prova kienet tibbasta fis-sens li dan huwa dokument, cioe` att gjudizzjarju li ma jehtiegx provi ulterjuri u li l-Qorti - kwalunkwe Qorti - ghandha tiehu konjizzjoni ufficjalment tieghu billi taghmel il-verifiki necessarji jekk ikun hemm bzonn.

Dan hu ghalhekk l-ewwel punt, u cioe` li ma tistax din il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li l-fatt li ma gietx esebita kopja legali tal-ittra ufficjali ghandu jkollu xi rilevanza. Anzi, fil-fehma ta' din il-Qorti kien hemm bizzejjed fil-process biex l-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn tiddubita mill- esistenza ta' din l-ittra ufficjali.

It-tieni punt li jirrizulta u li huwa konsegwenzjali ghal dak li ghadu kif inghad fil-paragrafu precedenti, huwa li b'din l-ittra ufficjali, l-appellant kien talab somma specifika ammontanti ghal sebat elef sitt mija wiehed u tletin liri Maltin erbgha u tmenin liri Maltin u zewg centezmi (LM7631.842) bhala bilanc ta' drittijiet professjonali lilu dovuti in konnessjoni ma' Government Housing Scheme fuq l-art ta' "Busugrilla" u bl-interessi min-notifika u bl-ispejjez. Jigifieri sa' mit-12 ta' Lulju, 1972, f'liema data giet ipprezentata l-ittra ufficjali u giet anke pprezentata lid-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici kien hemm talba ghal somma determinata u talba addizzjonali ghall-interessi mid- data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali. Apparti dan kollu mbaghad hemm konsiderazzjoni ohra li f'dan il-kaz il-Qorti jidhrilha li hi relevantissima, u cioe` li f'certu mument, partikolarment meta giet deciza s-sentenza precedenti ta' din il-Qorti li ghaliha diga saret referenza, il-konvenut ma kellux assolutament ghalfejn jiddubita aktar li eventwalment hemm somma li hija dovuta lill-attur u li kienet facilment kalkolabbli a bazi ta' tariffi u ta' kriterji li gew stabbiliti minn din il-Qorti. L-istess citazzjoni kienet effettivament segwiet l-istess linja tal-ittra ufficjali tal-attur u fl-assjem, jekk hemm konkluzjoni li din il-Qorti ma tezitax milli tasal ghaliha, din hija proprja li certament ma setghax jinghad aktar li hawn konna fil-kamp ta' ammont "da licuidarsi" fis-sens generiku assolut tal-kelma. Anzi il-kaz kien orjentat mill-ewwel f'direzzjoni aktar ta' verifika tal-ammont li kienet qieghed jitlob l-attur milli ta' haga ohra. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha ghall-fini ta' uniformita' ta' decizjonijiet ohra precedenti li una volta l-pretensjoni attrici kienet giet proposta mid-debitur a tempo vergini f'termini cari u f'ammont li gie anke indikat, ma jistax jinghad aktar li ghandu japplika l- principju assolut li hawn si tratta ta' ammont illikwidu u indeterminat li jgorr mieghu

l-konsegwenza li ma jiddekorrux l-interessi fil-frattemp. Din il-Qorti minghajr esitazzjoni ta' xejn ghalhekk jidhrilha li ghandhom jithallsu lill-attur l-interessi legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali msemmija u cioe` mit-12 ta' Lulju, 1972, u dan fuq is-somma li giet stabbilita bis-sentenza appellata meritu ta' dan l-appell. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi miz-zewg appelli kif gej, u cioe` billi fl-ewwel lok tirrespingi l-appell incidentali tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici bl-ispejjez relattivi a kariku tieghu, fit-tieni lok, l- appell principali tal-attur biss inkwantu jirrigwarda l-kwistjoni tal-imghax u tichdu fil-kumplament, u konsegwentement, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha biss inkwantu kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur l-imghax legali mid-data tas-sentenza appellata u minflok tordna lill-attur ihallas l-imghax legali fuq is-somma likwidata mid-data tan- notifika tal-ittra ufficjali msemmija, u cioe` mit-12 ta' Lulju, 1972, u tikkonfermaha fil-kumplament kollu taghha. L-ispejjez ta' dan l-appell jigu sopportati kif ser jinghad. Ta' dan l-appell principali jigu sopportati kwantu jirrigwarda l-kap tal-imghax legali, billi dan l-appell qed jigi akkolt fir-rigward, l-ispejjez relattivi ghandhom ikunu a kariku tal-konvenut appellat; kwantu jirrigwarda z-zewg aggravji l-ohra tal-appellant u cioe` dak fejn talab il-kundanna ghal disat elef hames mija disgha u ghoxrin liri Maltin tmienja u sittin centezmu u disa' millezmi (LM9529.689) flok is- somma likwidata mill-ewwel Qorti, l-ispejjez relattivi ghandhom ikunu a kariku esklussiv tieghu. Dawk relattivi ghat-tieni aggravju tal-appellant, cioe` dak li jirrigwarda r-rata ta' telf fil-valur tal-munita minhabba l-inflazzjoni, minhabba l-kwistjoni legali nvoluta, ghandhom jigu sopportati billi kull parti ssofri l-ispejjez relattivi taghha."

2. Fir-rikors ta' ritrattazzjoni tieghu, ir-ritrattant qieghed jissolleva zewg aggravji u cioe` l-allegazzjoni li din is-sentenza tmur kontra sentenza ohra (a tenur ta' l-artikolu 811(h) tal-Kap. 12) u li s-sentenza impunjata applikat il-ligi hazin – motiv bazat fuq l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12. Ir-ritrattant qieghed jitlob li dina l-Qorti joghgobha thassar is-sentenza tal-5 ta' Lulju 1995 in kwantu ma laqghetx iz-zewg aggravji tar-ritrattant li jirrigwardaw (i) il-fatt li, jekk huwa jippercepixxi s-somma likwidata mill-Qorti dovuta

mill-1971, huwa jkun qed jircievi biss, f'termini reali, frazzjoni minn dak li jispettalu, u (ii) it-talba ghall-kundanna fl-ammont ta' Lm9,529.68,9 flok is-somma likwidata mill-ewwel Qorti, u tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fi stadju ta' appell, a bazi tas-subincizi (h) u (e) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap. 15, u tikkonfermaha fil-kumplament kollu taghha. Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

3. Il-Il-konvenut Direttur tax-Xogholijiet Pubblici ("ir-ritrattat") naqas li jipprezenta risposta, pero` huwa kkontesta l-pretensjoni tar-ritrattant kemm bi trattazzjoni orali u kemm ukoll b'nota ta' osservazzjonijiet li ghalihom wiegeb ukoll ir-ritrattant.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-lamenti tar-ritrattant, huwa xieraq u utili li jinzammu prezenti certi principji fundamentali li jemanaw mill-istatut tar-ritrattazzjoni. Dan huwa mehtieg ghaliex fl-ewwel lok irid jigi ezaminat jekk it-talba ghar-ritrattazzjoni, kif motivata hijiex ammessibbli jew le.

5. Gie kemm-il darba ritenut illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fundamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti. Dan ir-rimedju, ghalhekk, jista' jigi invokat biss fil-kazijiet tassattivament elenkati fil-ligi u inoltre, id-dispozizzjonijiet relattivi ghandhom jigu interpretati ristrettivament. Konsegwentement, ma jistax jigi permess lil ebda wiehed mill-partijiet li, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament jipprova jikreja ghalih tribunal tat-tielet istanza.

6. Kif rajna ir-ritrattant qieghed jibbaza t-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni fuq l-artikolu 811(e) (applikazzjoni hazina tal-ligi) u 811 hi (sentenza kuntrarja ghal sentenza ohra). Ikun utili li dawn id-dispozizzjonijiet jigu hawn citati: 811. Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi

ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:

...

(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;
Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;

...

(h) jekk is-sentenza tkun kuntrarja ghal sentenza ohra ta' qabel, deciza bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oggett, u li ghaddiet f'gudikat, basta li l-eccezzjoni ta' *res juridicata* ma tkunx giet moghtija u deciza;

...

**L-ewwel motiv ta' Ritrattazzjoni bazat fuq l-Art. 811(h)**

7. Ir-ritrattant jispjega li gie aggravat bis-sentenza tal-Prim istanza tad-29 ta' Ottubru 1993 u bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Lulju 1995, li qeghdha tigi hawn impunjata, billi dawn is-sentenzi ma imxewx fuq il-metodu ta' likwidazzjoni tas-somma dovuta lill-attur, fit-termini tat-talba tieghu, kif ordnat bis-sentenza ta' l-ewwel grad tat-22 ta' April 1983, kif konfermata bis-sentenza ta' din il-Qorti fl-4 ta' Novembru 1987. Bis-sahha ta' dawn l-ahhar imsemmija sentenzi, jghid ir-ritrattant
"Il-konvenut gie kkundannat ihallas lill-attur, "anke in linea ta' danni bhala bilanc ta' l-onorarju tieghu, il-kumpens li jirrizulta dovut a bazi tat-Tariffa tal-Periti li kieku kien imholli jespleta l-inkarigu lilu moghti."

Ir-ritrattant jinterpreta d-disposittiv ta' dawk is-sentenzi li ghaddew f' gudikat hekk:
"Dan stabbilixxa li l-onorarju spettanti lill-attur ghandu jkun dak li t-Tariffa tal-Periti takkorda qiesu x-xoghol gie kompletat mill-attur, jigifieri ghall-intier."

Huwa jkompli jispjega l-aggravju tieghu hekk:
"Is-sentenza appellata tad-29 ta' Ottubru 1993 tal-prim istanza, erroneament, fuq xi partiti akkordat zewg terzi ($^{2}/_{3}$) tad-dritt minflok l-intier u b'hekk ma kienitx konformi mas-sentenzi precitati li ghaddew in gudikat li jirrikonoxxu li l-attur, fic-cirkostanzi tal-kaz, huwa intitolat ghall-kumpens ghad-danni li sofra minhabba x-xoljiment unilaterali u bla gustifikazzjoni ta' l-inkarigu lilu moghti. Dawn is-sentenzi stabbilew il-korrispettiv ghal dawn id-danni billi akkordaw lill-esponent onorarju ghall-esekuzzjoni intiera, u mhux parzjali, tal-progett lilu affidat. Invece, is-sentenza tal-5 ta' Lulju 1995, li f'dan ir-rigward ikkonfermat is-sentenza tal-prim istanza tad-29 ta' Ottubru 1993, giebet fix-xejn dan il-kumpens billi kkwantifikatlu z-zewg terzi ($^{2}/_{3}$) fuq certi partiti (li skond it-Tariffa tal-Periti jigi akkordat meta l-inkarigu jigi tterminat ghal raguni gusta) meta, skond is-sentenzi li ghaddew in gudikat, hija kienet marbuta li tapplika t-Tariffa tal-Periti li takkorda l-intier (fejn l-inkarigu jigi rtirat minghajr raguni gusta).

Is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-5 ta' Lulju 1995, li taghha qed tintalab iir-ritrattazzjoni, tikkontjeni dan l-izball, u ghalhekk il-konflitt bejn il-kwantifikazzjoni eronea kontenuta fis-sentenza tad-29 ta' Ottubru 1993 u l-metodu stabbilit bis-sentenza fl-appell ta' l-4 ta' Novembru 1987 li hi '*res judicata*', baqa' ma giex rettifikat.

Ghalhekk, il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' l-intier, bhallikieku l-esponent gie mholli jespleta l-inkarigu lilu moghti – kundanna din li hi definitiva, finali u irrevokabbli – ma gietx osservata."

9. Din il-Qorti fliet bl-akbar reqqa dan l-aggravju tar-rittrattant u waslet ghall-konkluzjoni li t-talba ghar-ritrattazzjoni fuq il-motivi tal-art. 811(h) ma tistax tintlaqa'. Dana senjatament ghal zewg ragunijiet principali, fost ohrajn, li sejrin jissemmew.

10. Fl-ewwel lok, din il-Qorti, kif issa presjeduta u komposta, ma tarax li hemm verament konflitt bejn is-sentenzi imsemmija mir-ritrattant. Ghalhekk jonqos ir-

rekwizit imsemmi fl-art. 811(h) u cioe` li sentenza tkun tista' tigi ritrattata jekk "tkun kuntrarja ghal sentenza ohra ta' qabel .... li tkun ghaddiet f'gudikat". Infatti, il-konflitt ravvizat mir-ritrattant huwa wiehed li forsi jista' jigi deskritt bhala "apparenti" izda certament m'hemm l-ebda konflitt reali u veru.

11. Biex tispjega xi trid tfisser din il-Qorti, sejra qabel xejn ticcita l-parti rilevanti tad-disponattiv tas-sentenza tal-Prim Awla tat-22 ta' April, 1983:
"Ghal dawn il-motivi, ghalhekk il-Qorti (1) tiddikjara li l-konvenut ittermina lill-attur unilateralment u minghajr raguni valida fil-ligi l-inkarigu li kien ikkommettielu; (2) li, per konsegwenza l-attur mhux marbut, kwantu ghall-onorarju bl-ittra tan-nomina tieghu tat-28 ta' April, 1969, hlief safejn kien lahaq sar ix-xoghol, sakemm il-kuntratt kien mitmum., u, (3) li tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur, anke in linea ta' danni, bhala bilanc tal-onorarju tieghu, il-kumpens li jirrizulta li huwa ghandu jithallas a bazi tat-Tariffa tal-Periti (It-Tariffa K tat-Tielet Skeda ta' l-Iskeda A annessa mal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Prodecura Civili), li kieku kien imholli jespleta l-inkarigu lilu moghti".

Sejra ticcita wkoll l-ahhar zewg paragrafi tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Novembru 1987:
"Illi ghandu jizdied ukoll li fl-ebda parti tad-disposizzjonijiet rigwardanti il-kiri ta' xoghol u ta' industrija ma jinghad kif ghandu jithallas arkitett li jigi abbandunat mill-klijent tieghu bhal ma gie abbandunat l-attur ghar-ragunijiet fuq esposti. Il-ligi pero` tikkontempla d-drittijiet ta' perit f'kaz li jigi abbandunat mill-klijent fit-Tariffa K fuq imsemmija u l-Qorti, li ghandha wkoll id-dover li tevita inkongruwenzi kif inghad fis-sentenza fuq citata, ma tara l-ebda raguni l-ghala l-imsemmija Tariffa K li hija applikabbli ghall-Arkitetti (Kollezzjoni Dec.Vol. XXIX. II. Pag. 673, 675 u Vol. XXXVII.I.587) ma ghandhiex tigi applikata f'dan il-kaz sabiex jigu stabbiliti d-drittijiet ta' l-attur ghax-xoghol li kellu jaghmel skond l-inkarigu moghti lilu mill-konvenut u li ma ghamilx billi gie terminat dak l-inkarigu. Huwa evidenti li ghax-xoghol li lahaq ghamel l-attur ghandu jithallas skond il-ftehim.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad sija l-appell principali bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant kif ukoll l-appell incidentali bl-ispejjez kontra l-attur appellat u tikkonferma s-sentenza appellata u konsegwentement tibghat lura lill-ewwel Qorti l-atti tal-process ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

12. Johrog car daqs il-kristall li meta din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1987 irriferiet ghat-Tariffa K, ir-referenza kienet precizament ghal dik il-parti tat-tariffa fejn huma stabbiliti id-drittijiet meta Arkitett jigi abbandunat mill-klijent u ma rreferiet ghall-ebda parti ohra ta' l-istess tariffa. Kien gust u ekwiu li jsir hekk ghaliex meta Arkitett ma jithalliex ikompli l-inkarigu lilu moghti, huwa m'ghandux dritt li jithallas daqs li kieku lesta l-inkarigu kollu. Hu gust u ekwiu li jithallas pjenament ghax-xoghol li effettivament ikun lahaq ghamel, kif ukoll skond l-imsemmija tariffa, terz jew zewg terzi tad-dritt shih <u>tax-xoghol li ma thalliex jaghmel</u> – jew kif esprimiet dan il-koncett is-sentenza ta' l-ewwel grad tat-22 ta' April, 1983: "li kieku kien imholli jespleta l-inkarigu lilu moghti" – skond kif il-parti tat-Tariffa K tistabilixxi.

13. Fit-tieni lok biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv li sentenza hija kuntrarja ghal gudikat iehor, il-ligi stess tispecifika bhala rekwizit:
"basta li l-eccezzjoni ta' *res judicata* ma tkunx giet moghtija u deciza".

14. Issa huwa veru li <u>formalment</u> ma kienx hemm eccezzjoni ta' "*res judicata*" f'din il-kawza. Pero`, wiehed mill-aggravji li ressaq ir-ritrattant quddiem din il-Qorti meta intavola l-appell mis-sentenza tat-22 ta' April 1983 kien propju aggravju jew pregudizzjali <u>li verament jekwivali ghal din l-eccezzjoni</u>. Infatti, fil-petizzjoni ta' l-appell tieghu l-attur inter alia ssottometta hekk:-
"Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti filli primarjament l-ewwel Qorti injorat is-sentenza taghha stess tat-22 ta' April 1983, konfermata minn din l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Novembru 1987, li kienet ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur, anke in linea ta'

danni, bhala bilanc ta’ l-onorarju tieghu, l-kumpens li jirrizulta dovut a bazi tat-Tariffa tal-Periti, li kieku kien imholli jespleta l-inkarigu lilu moghti. Dan ifisser li l-attur, skond dik is-sentenza, kellu jithallas tad-dritt tieghu in toto, bhallikieku baqa’ l-perit inkarigat sa l-ahhar tal-progett, u mhux zewg terzi ta’ dak il-kumpens, li jithallas meta l-klijent jittermina l-inkarigu lill-perit.

Illi invece fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti f’zewg partiti akkordat lill-attur biss iz-zewg terzi ta’ dak il-kumpens, u naqqsitlu erba’ mitt lira (Lm400), kontra t-termini espressi ta’ l-imsemmija decizjoni ta’ l-1983 li kienet ghaddiet in gudikat sa mill-1987 u li kienet torbot kemm lill-partijiet u kemm lill-Qorti.”

15. Din il-Qorti, fis-sentenza taghha tal-5 ta’ Lulju 1995 investiet sewwa dan l-aggravju tal-appellant (illum ritrattant) u iddecidiet l-istess pregudizzjali billi ma laqghatux. Inghad f’dik is-sentenza hekk:
“Din il-Qorti, minn ezami tal-komputazzjonijiet illi saru mill-Perit Tekniku kif addottati sussegwentement mill-ewwel Qorti ma taqbel xejn illi l-likwidazzjonijiet li saru fir-rigward u li jsemmi l-istess appellant ma sarux skond kif kienet iddecidiet din il-Qorti – u del resto anke l-Onorabbli Prima Awla tal-Qorti Civili – mis-sentenzi precedenti msemmija. Effettivament l-appellant mhux qed jirrealizza illi b’dak li qed jissottometti llum qieghed jaqa’ f’kontradizzjoni, fis-sens illi, filwaqt li qed jippretendi li dawn is-sentenzi msemmija llum ghaddew in gudikat, dak li qieghed jissottometti huwa, hija interpretazzjoni diversa minn dak li effettivament gie deciz u applikat korrettement mill-Perit Tekniku u wkoll mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti tara wkoll li hu l-kaz li tirrileva dak li gie rilevat mid-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici fir-risposta tieghu ghall-appell ta' l-attur li f'diversi okkazzjonijiet fil-Prim Istanza, il-posizzjoni li ha l-istess attur mhix konfacenti ma’ dak li qed jissottometti issa, u dan ukoll huwa ta’ importanza. Essenzjalment ghalhekk din il-Qorti, wara li ezaminat il-mod kif saru l-kalkolazzjonijiet, mhix qed taqbel mas-sottomissjoni ta’ l-appellant, cioe` ma’ dan l-ewwel gravant tieghu u qed tichad l-istess gravant.

16. Din is-silta turi bic-car kif is-sentenza impunjata kienet pjenament konxja tal-gudikat riferit mir-ritraent, qieset sewwa l-aggravju tieghu u sabet li l-interpretazzjoni li kien qieghed jaghti ta' l-appellant ma kienetx wahda korretta. Ghalhekk cahdet dak l-aggravju. Evidentement, l-istatut tar-ritrattazzjoni qatt ma kien intiz biex iservi ta' Qorti tat-tielet grad. Ghahekk la darba il-kwistjoni tkun giet sollevata u deciza fis-sentenza, din il-kwistjoni tal-gudikat ma tista' qatt tkun motiv ta' ritrattazzjoni skond l-artikolu 811(h).

**<u>It-tieni motiv ta' Ritrattazzjoni bazat fuq l-artikolu 811(e)</u>**

17. Ir-ritrattant jallega li s-sentenza tal-5 ta' Lulju 1995 fiha applikazzjoni hazina tal-ligi billi din ma applikatx is-subinciz (2) ta' l-artikolu 1047 tal-Kodici Civilili "inter alia" jghid hekk:-
"(2) Izda, jekk il-parti li tikkaguna l-hsara tkun ghamlet dan dolozament, il-Qorti tista', skond ic-cirkostanzi, taghti wkoll lill-parti li tbati l-hsara, indenniz ghal kull hsara ohra li tkun batiet, kompriz kull telf ta' qliegh, ..... jekk dik il-hsara tkun il-konsegwenza immedjata u diretta tal-fatt li l-parti li batiet il-hsara giet hekk imtellfa l-uzu ta' flusha."

Imbaghad subinciz (3) jghid hekk:-
"(3) Is-somma li ghandha tinghatha ghat-telf ta' qliegh fuq imsemmi tigi likwidata mill-Qorti skond ic-cirkostanzi tal-kaz."

18. Ir-ritrattant jispjega l-ilment tieghu testwalment hekk:-
"Illi fis-sentenza taghha din l-Onorabbli Qorti, filwaqt li rriferiet ghal-ligi in kwantu bit-Tariffa K tirregola l-materja fuq kalkolu matematiku pre-stabbilit bil-ligi, naqset li tapplika artikolu tal-ligi li huwa applikabbli ghall-kaz, jigifieri s-subinciz (2) ta' l-Artikolu 1047 tal-Kodici Civili

.....

Illi l-konvenut ghandu persuni kwalifikati u kompetenti biex jaghmlu l-kalkoli matematici necessarji skond it-Tariffa K, u, ghalhekk, ghall-konvenut, dan kien semplicement kaz

ta' likwidazzjoni ta' debitu. Invece, il-konvenut holoq l-ostakoli kollha immaginabbli, b'komplikazzjonijiet inutili u b'eccezzjonijiet li gew respinti. Sahansitra, il-konvenut talab rifuzjoni!

Il-process fih provi cari ta' malizja. Terga', il-hsara sofferta mill-esponent hija "konsegwenza immedjata u diretta tal-fatt li l-parti li batiet il-hsara giet hekk imtellfa l-uzu ta' flusha." (art. 1047(2), Kod. Civ.), u ta' dan ukoll hemm il-provi fil-process.

.....

Ghalhekk, ladarba l-flus baqghu f'idejn il-konvenut, li kellu l-facilita` li jinvestihom kif irid u jaqla' fuqhom percentwali oghla minn dik stabbilita mil-ligi ghall-interessi, ghad-detriment ta' l-esponent, u ladarba l-konvenut mill-1972 sal-lum ghadu ma hallas xejn, din l-Onorabbli Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni l-malizja tal-konvenut u l-fatt li l-hsara sofferta mill-esponent hija "konsegwenza immedjata u diretta tal-fatt li l-parti li batiet il-hsara giet hekk imtellfa l-uzu ta' flusha." (art. 1047(2), Kod. Civ.). B'hekk ma giex applikat il-principju ta' "restitutio in integrum" u l-esponent ma ngabx fis-sitwazzjoni 'status quo ante' kwart ta' seklu ilu. Huwa kellu dritt jigi kkompensat ghat-telf kagunat lilu bhala rizultat tal-agir abbuziv tal-konvenut. Dan is-sentenza m'ghamlitux. Kieku thallas fl-1971 meta kien dovut lilu l-hlas, jew almenu fl-1972 meta giet istitwita l-kawza, il-valur tal-flus kien ikun differenti minn dak li ser jippercepixxi llum.

19. Is-subinciz (e) tal-artikolu 811 stess jipprovdi tifsira tal-motiv ta' ritrattazzjoni meta jkun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi b'dawn il-kliem testwali:-
"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni."

20. Illi biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu valutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw pruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok disposizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin.

21. Ir-ritrattat ikkontesta din il-lanjanza tar-ritrattant b'dan il-mod:
"Is-sottomissjonijiet ta' l-attur fis-sens illi l-esponent kien ipprivah minn flusu dolozament u illi l-esponent kien intavola numru ta' eccezzjonijiet frivoli biex itawwal il-kawza imkien ma jsibu sostenn fil-process u l-esponent jissottometti illi l-Qorti ghandha tqishom talli huma.

Fil-fatt id-"dolo" imkien ma jissemma fic-citazzjoni promotorja u n-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-esponent (fol. 5) tikkonsisti sostanzjalment f'eccezzjoni wahda – dik tal-hlas li giet ukoll spjegata. Ghandu jigi rilevat ukoll illi l-iter tal-process jizvela hafna izjed zelu, kliem iebes u litigjozita` da parti ta' l-attur milli da parti ta' l-esponent u din it-talba ghar-ritrattazzjoni, illi fil-fehma ta' l-esponent hija frivola u vessatorja, tkompli tikkonferma dan.

22. Biex l-artikolu 1047 ikun talvolta applikabbli irid ikun hemm prova soda ta' agir doluz u l-accertament relattiv tal-gudikant. Dana ma jirrizultax la mis-sentenza impunjata u lanqas mis-sentenzi precidenti li ghaddew f'gudikat. Anzi, jekk wiehed ihares lejn is-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel grad tat-22 ta' April 1983 wiehed isib li l-inkarigu ta' l-attur gie terminat mhux b'mod diskriminatorju (kif gie allegat fit-trattazzjoni orali) izda ghax l-

amministrazzjoni sussegwanti bidlet il-pulitika precidenti: Dik il-Qorti qalet hekk:
“Il-Gvern (Amministrazzjoni sussegwenti) biddel il-pulitika li kien miexi biha li jaghti appalti ta’ xoghol lill-periti li ma kienux membri tad-Dipartiment ta’ Xogholijiet Pubblici, kemm fil-vesti ta’ “consultancy”, kemm f’dik merament professjonali mhux f’livell ta’ “consultancy”. Ghalhekk, u ghalhekk biss, ittermina l-kuntratt li kien ta lill-attur biex jaghmel ix-xogholijiet bazi ta’ din il-kawza. Ma kien allegat bl-ebda mod li l-attur kien naqas f’xi haga min-naha tieghu fl-adempiment tax-xoghol li kellu jaghmel.

Ikkunsidrat li ma jistax ikun hemm xi dubju li Amministrazzjoni sussegwenti, kostituzzjonalment ma hiex marbuta mill-pulitika tal-amministrazzjoni, okkorrendo amministrazzjonijiet ta’ qabilha. Il-Gvern kellu mitt elf dritt la ried, jibdel il-pulitika tal-bini mid-Dipartiment ta’ Xogholijiet Pubblici, wkoll, kif ghamel, unilateralment. Dan privilegg tal-Gvern li xejn u hadd ma jista’ josta ghalih u huwa rikjest mill-istess attributi tal-Kostituzzjoni demokratika u minn natura tal-interess pubbliku. Imma mbaghad dan il-privilegg ifisser biss li l-haga tista’ ssir. Imma mbaghad trid issir fit-termini tal-Ligi Civili li tobbliga lill-Gvern bhal ma tobbliga lic-cittadin kwalunkwe; ghax kif ghallmet din il-Qorti, diversament presjeduta, fi Xuereb vs Micallef (3 ta’ Ottubru, 1953, XXXVII. II. 753) u f’Apap Bologna vs Borg Olivier (6 ta’ Frar, 1958, XI.II.903) fejn il-Ligi Civili ma tiddistingwix bejn l-istat minn naha u c-cittadin mill-ohra, mhux sew li nargumentaw distinzjonijiet li jammontaw ghal privilegg favur naha jew ohra.

23. La darba s-sentenza attakkata ma stabbiliet ebda agir doluz isegwi li hija ma setghetx tapplika l-artikolu 1047(2). Minflok, hija applikat l-artikolu 1047(1) billi akkordat l-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali li tinsab a fol. 179 u cioe` mit-12 ta’ Lulju 1972.

24. Din il-Qorti kif presjeduta, izda kif diversament komposta, kienet irrimarkat hekk fil-kawza fl-ismijiet “George Xuereb vs Dorothy Xuereb” fis-sentenza ta’ l-20 ta’ Jannar 1992.

“Fil-kaz ta’ ritrattazzjoni bazata fuq applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti kif gew stabbiliti fis-sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, m'humiex aktar sindakabbli. Dan ifisser illi biex jigi deciz jekk kienx applikazzjoni hazina tal-ligi, wiehed ma ghandux u ma jistax jezamina mill-gdid il-fatti tal-kawza u lanqas jistghu dawn jigu valutati jew interpretati b’mod iehor ghajr kif gew valutati u determinati fis-sentenza impunjata. Kif jinghad fil-kawza “Vella vs Zarb-Bartolo” [Vol.XXVII,P.I, pg.433] deciza mill-Qorti ta’ l-Appell, “Per vedere se vi sia male applicazzione di legge <u>deve prendersi per unica base di fatto come stabbilito dalla Corte nella sentenza impugnata</u>”.

25. Ghalhekk, id-domanda ghar-ritrattazzjoni kwantu bazata fuq l-allegata applikazzjoni hazina tal-ligi lanqas hija ammissibbli.

26. Ghal dawn il-motivi tirrespingi t-talba ghar-revoka tas-sentenza tal-5 ta’ Lulju 1995 fis-sens mitlub fir-rikors tar-ritrattazzjoni ta’ l-4 ta’ Novembru 1995, u konsegwentement, tirrispingi wkoll it-talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza, kif mitluba fl-istess rikors.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mir-ritrattant l-A.I.C. Joseph Barabara.

--------------------------------TMIEM--------------------------------